MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2004

Appell Civili Numru. 618/2000/1

**Mary Rose Tabone qabel Stellini**

**vs**

**Silvio Vassallo f'ismu propju u gha-nom ta' H. Vassallo & Sons u b'digriet tal-21 ta' Novembru tas-sena 2000, Silvio Vassallo f'isem Jewellery Kingdom Company Limited**

**Il-Qorti,**

Fid-19 ta' Dicembru, 2001 u fl-1 ta' April, 2003 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenzi fl-ismijiet premessi:-

**Sentenza tad-19 ta' Dicembru 2001**

“Il-Qorti,

Rat l-avviz fuq indikat datat it-12 ta’ Mejju tas-sena 2000 li permezz tieghu l-attrici sejhet lill-konvenut nomine quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m’ghandux ikun ikkundannat:

1. Ihallas is-somma komplessiva ta’ tlett mija disgha u hamsin lira Maltija u hamsa u hamsin centezmu, (LM359.55,0), kwantu ghall-ammont ta’ LM311.67,0 paga ghall-hames gimghat u erba tijiem ghall-perjodu bejn il-31 ta’ Awissu, 1998 u l-5 t’Ottubru 1998, kwantu ghall-LM11.13,0 parti mill-bonus dovut f’Dicembru 1998, kwantu ghall-LM12 ghall-Allowance dovut f’Marzu u kwantu ghall-LM24.75,0 dovut ghall-Vacation Leave;

2. Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tat-3 ta’ Frar 1999 u dawk tal-ittra ufficjali tal-11 ta’ Novembru, 1999, u mharrek ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet datata l-25 ta’Settembru tas-sena 2000 li permezz taghha l-konvenut nomine eccipixxa s-segwenti:

1. In linea preliminari, huwa mhuwiex il-legittimu kontradittur;

2. Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma preskritti a tenur ta’ l-artikolu 2147 (c) u/jew 2148 (d) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. Fit-tieni lok, l-ebda ammont mhu dovut, stante illi t-talbiet attrici huma nfondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt;

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali rigwardanti l-eccezzjoni preliminari tal-konvenut nomine tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi l-konvenut nomine huwa direttur tas-socjeta' “Jewellery Kingdom Company Limited”;

2. Illi l-imsemmija socjeta' tirrizulta li kienet impjegat lill-attrici ghall-perjodu bejn il-31 t'Awissu ta' l-1998 u Ottubru ta' dik l-istess sena;

3. Illi ma kien hemm l-ebda kuntratt ta' ingagg skritt bejn il-partijiet;

4. Illi ex admissis il-konvenut nomine jikkonferma bil-gurament tieghu li qatt ma hallas lill-attrici ghall-perjodu ta' ingagg mas-socjeta' de quo.;

Ikkonsidrat:

Illi in vista tal-premess ghal dak li jirrigwarda l-kwistjoni preliminari sollevata mill-konvenut nomine din il-qorti hi sodisfatta li t-talba ta' l-attrici m'hix preskritta u dan in vista ta' l-ammissjoni tal-konvenut nomine kif fuq indikat;

Ghaldaqstant tordna l-kontinwazzjoni tal-kawza fuq il-meritu u tirrizerva li tipprovdi dwar l-ispejjez fi stadju opportun.”

**<u>Sentenza tal-1 ta' April 2003</u>**
“Il-Qorti,

Rat l-avviz fuq indikat datat it-12 ta' Mejju tas-sena 2000 li permezz tieghu l-attrici sejhet lill-attur nomine quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:

1. Ihallas is-somma komplessiva ta’ tlett mija, disgha u hamsin Lira Maltija u hamsa u hamsin centezmu (LM359.55,0), kwantu ghall-ammont ta’ tlett mija u hdax-il Lira Maltin u sebgha u sittin centezmu (LM311.67,0) paga ghall-hames gimghat u erbat ijiem ghall-perjodu bejn il-31 ta’ Awissu ta’ l-1998 u l-5 ta’ Ottubru ta’ l-1998, kwantu ghal hdax-il Lira Maltin u tlettax-il centezmu (LM11.13,0) parti mill-bonus dovut f’Dicembru ta’ l-1998, kwantu ghal tnax-il Lira Maltin (LM12.00,0) ghall-Allowance dovut f’Marzu, u kwantu ghal erbgha u ghoxrin Lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (LM24.75,0) dovut ghall-vacation leave;

2. Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tat-3 ta’ Frar ta’ l-1999 u dawk tal-ittra ufficjali tal-11 ta’ Novembru ta’ l-1999, u ngunt ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet datata l-25 ta’ Settembru tas-sena 2000 li permezz taghha l-konvenut nomine eccepixxa s-segwenti:

1. In linea preliminari, huwa m’huwiex il-legittimu kontradittur;

2. Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma preskritti a tenur ta’ l-artikolu 2147 (c) u/jew 2148 (d) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. Fit-tielet lok, l-ebda ammont mhu dovut, stante illi t-talbiet attrici huma nfondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt;

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz;

Rat il-verbal datat il-21 ta’ Novembru tas-sena 2000 li permezz tieghu awtorizzat il-korrezzjoni mitluba;

Ikkunsidrat:

Illi in vista ta’ l-istess korrezzjoni l-ewwel eccezzjoni preliminari hi ghalhekk regolarment sorvolata;

Ikkunsidrat:

Rat id-decizjoni taghha datata d-19 ta’ Dicembru tas-sena 2001 li permezz taghha gie dekretat li l-azzjoni odjerna m’hix preskritta u ghalhekk ordnat il-kontinwazzjoni tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi s-socjeta’ “Jewellery Kingdom Company Limited” kienet impjegat lill-attrici, (ara fol 14);

2. Illi l-impjieg ta’ l-attrici beda fil-31 ta’ Awissu ta’ l-1998, (ara fol 14), u gie terminat fil-5 t’Ottubru ta’ l-istess sena, (ara fol 45);

3. Illi l-impjieg de quo kien ibbazat fuq ftehim verbali, (ara fol 14);

4. Illi s-socjeta’ li mpjegat lill-attrici ma kienitx sodisfatta bis-servizzi moghtija mill-istess attrici;

5. Illi tul il-perjodu ta’ l-ingagg taghha fuq indikat l-attrici qatt ma giet remunerata;

6. Illi l-ammont mitlub fl-avviz odjern hu limitat ghall-perjodu fuq indikat u nonostante diversi

interpellazzjonijiet ghall-hlas dan qatt ma gie saldat u ghalhekk kellha tittiehed din il-procedura;

Ikkunsidrat:

Illi l-ammont mitlub hu wiehed ibbazat fuq il-“minimum wage”;

Illi l-konvenut nomine jibbaza r-rifjut tieghu fuq karenzi li hu jsostni li huma gravi fil-konfront ta’ l-attrici;

Ikkunsidrat:

Illi r-rifjut tal-pagament tal-konvenut nomine mhux rimedju rikonoxxut ghall-lanjanza tieghu;

Illi jibqa’ l-fatt regolarment accettat anke mill-konvenut kif fuq indikat li l-attrici, tajjeb u hazin kienet impjegata a bazi ta’ kuntratt verbali mas-socjeta’ rapprezentata mill-konvenut nomine;

Illi jirrizulta abbundantement assodat li l-attrici ma thallset xejn ghall-perjodu in dizamina;

Illi jirrizulta wkoll assodat li l-ammont mitlub mill-attrici hu effettivament lilha dovut stante li gie debitament ipprovat waqt it-trattazzjoni tal-kaz;

Ghaldaqstant din il-qorti filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut nomine fil-meritu, takkolji t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut Silvio Vassallo f’ismu propjru u ghan-nom tas-socjeta’ “Jewellery Kingdom Company Limited” biex ihallas l-ammont ta’ tlett mija u disgha u hamsin Lira Maltin u hamsa u hamsin centezmu, (LM359.55,0), lill-attrici Mary Rose Tabone, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti skond il-ligi.”

Il-konvenut proprio et nomine appella minn dawn is-sentenzi bis-segwenti aggravji:-

1. Kwantu ghas-sentenza tad-19 ta’ Dicembru 2001 li permezz taghha cahditlu l-preskrizzjonijiet eccepiti a tenur ta’ l-Artikoli 2147 (c) u 2148 (d), l-ewwel Qorti ma kienetx korretta meta nterpretat diskorsu bhala rikonoxximent tad-debitu tieghu versu l-attrici. Huwa jissottometti illi kliemu la kien car u lanqas inekwivoku u dippju qatt ma gie notifikat bl-ittra ufficcjali tal-11 ta’ Novembru 1999.
2. L-ewwel Qorti ma messiex cahditlu t-talba tieghu ghall-isfilz ta’ l-affidavit ta’ Anthony Schembri. Hu jillanja illi gjaladarba ma setax jikkontroezamina lil dan ix-xhud li kien imsiefer allura gie li l-ewwel Qorti ma kkoncedietlux smiegh xieraq.
3. Kwantu ghas-sentenza tal-1 ta’ April 2003 fil-meritu jilmenta li l-apprezzament tal-provi da parte ta’ l-ewwel Qorti kien zbaljat, principalment in kwantu skartat il-fatt tal-imgieba hazina tal-attrici fuq il-post tax-xoghol.

Dwar l-ewwel aggravju ghandu jinghad illi hu ormai saldament pacifiku illi hekk kif tigi eccepita l-preskrizzjoni, in kwantu din timporta presunzjoni ta’ pagament, il-pretiz kreditur jista’ jikkumbattiha b’diversi modi. Jew billi jaghti l-gurament lill-konvenut, jew b’xi mezz iehor permess mil-ligi, cjoe, l-inamissibilita` ta’ dik il-preskrizzjoni, u l-inapplikabilita` taghha, jew l-interruzzjoni jew is-sospensjoni taghha (**Kollez Vol XXVIII pI p93**; **Vol XXXVII pII p626**).

Issokta jigi osservat ukoll illi “jekk id-debitur jirrikonixxi d-dejn dan ir-rikonoxximent jimporta rinunzja ghall-preskrizzjoni u dan ir-rikonoxximent jista’ jkun anke prezunt jew indirett. U lanqas hemm bzonn li r-rikonoxximent ikun ghall-kwantita` kollha dovuta, u jista’ jirrigwarda kreditu illikwidu” (**Kollez. Vol. XLIII pII p744**; **Vol XLV pII p632**).

Jibqa’ dejjem pero` obbligu ta’ min jeccepixxi l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni li jipprovaha, u kif rilevat b’bosta decizjonijiet “jekk dwar din l-interruzzjoni hemm konflitt ta’ provi, allura l-konsegwenza m’hijiex li ghandha tigi michuda l-preskrizzjoni, imma dik kuntrarja, li ghandha tigi akkolta, peress li l-posizzjoni guridika tkun li mentri jkun fatt li ghadda t-terminu tal-preskrizzjoni, ikun

ugwalment fatt illi l-atturi ma ssodisfawx lill-Qorti li kien hemm interruzzjoni.” (**Kollez. Vol. XXX pI p989**), u f’kaz ta’ dubju serju dan ghandu jmur favur dak li kontra tieghu qeghda tigi akkampata rinunzja ghad-dritt (**Kollez. Vol. XXXII pI p44**).

Premessi s-suesposti konsiderazzjonijiet ta’ dritt ‘in subjecta materia’ din il-Qorti tara mill-atteggjament ta’ l-appellant presunzjoni cara li dan kien qed jaghraf li hu ma hallasx lill-attrici appellata r-rimunerazzjoni dovuta ghall-granet lavorattivi minnha reklamat (Ara deposizzjoni tieghu a fol 14). Ex konfessis, jammetti in kontro-ezami li dan il-hlas ma ghamlux ghax “ma konniex wasalna f’kompromess” (fol 62).

Dwar dan il-fatt tan-nuqqas ta’ hlas il-versjonijiet tal-kontendenti jirrikonciljaw u ghalhekk certament dwar dan l-aspett certament ma jistghax jinghad li jezisti xi konflitt ta’ provi. Ir-ragunijiet mill-appellanti avvanzati l-ghala ma hallasx huma pertinenti se mai ghall-meritu izda mhux ukoll bhala xi interpretazzjoni tac-cahda tad-dejn jew ta’ xi sostenn tal-preskrizzjoni eccepita. Huwa fil-fatt jaghraf l-ezistenza tal-kreditu anke jekk ma wasalx f’ebda kompromess dwaru mal-appellata.

Gie sewwa ritenut illi fejn id-debitur ma jichadx id-dejn imma sempliciment jikkontesta l-quantum ta’ l-ammont dovut allegat mill-kreditur, id-debitur ikun qieghed jinterrompi u tacitament jirrinunzja ghall-preskrizzjoni li tkun qed tiddekorri (“**Anthony Fenech et noe –vs- John Saliba**”, Qorti Kummerc, 21 ta’ April 1971; “**Victor Calleja noe –vs- Nazzareno Vassallo et noe**”, Appell, 5 ta’ Ottubru 1998). Dan japplika wkoll jekk ir-rikonoxximent isir wara li jkun ghadda z-zmien tal-preskrizzjoni (“**Alfredo Borg –vs- Carmelo Brincat et**”, Appell Civili 5 ta’ Gunju 1959).

F’dawn ic-cirkostanzi l-ewwel aggravju ma jistghax jigi sostenut.

Riferibilment ghat-tieni aggravju din il-Qorti ma tarax is-serjeta` tieghu. Dan primarjament ghall-fatt illi fis-

sentenza appellata l-ebda importanza ma nghatat mill-ewwel Qorti lid-dikjarazzjoni tax-xhud Anthony Schembri tant li din ma rceviet l-ebda menzjoni, l-anqas wahda minimali, fl-ebda parti razzjonali ta' dik l-istess sentenza. Dan kellu jkun bil-wisq ovvju in kwantu d-dikajrazzjoni ta' dan ix-xhud dwar il-komportament tal-attrici appellata – "reliable, punctual and honest" – ma kien tal-ebda sinjifikat ghall-ezitu tad-domanda agitata, li kienet wahda purament ta' pretiza ghall-hlas tal-paga, bonus u vacation leave ghaz-zmien li hadmet l-istess attrici. Konsegwentement din il-Qorti ma ssibx il-lamentela tal-appellanti ta' allegata vjolazzjoni tad-dritt fundamentali tas-smiegh xieraq bhala gustifikattiva ta' akkoljiment.

Kwantu ghall-gravam fil-meritu s-sottomissjonijiet ta' l-appellanti tista' tghid jirrigwardaw aspett, li kieku sorrett, kien iwassal tutt'al piu` ghal konsegwenzi ohra, jigifieri l-konsiderazzjoni ta' materja ta' licenzjament jew terminazzjoni tal-impjieg tal-attrici. Din mhiex il-meritu tal-azzjoni prezenti u certament, f'kull kaz, anke kieku stess l-allegazzjonijiet tal-appellanti dwar l-imgieba tal-attrici kienu, gratia argomenti, kapaci ta' sosteniment dan ma kienx jippriva lanqas lill-appellata milli tircievi dak li bi dritt kien jispetta lilha ghax-xoghol taghha.

Evidentement l-ewwel Qorti emmnet lill-attrici illi verament hi pprestat is-servizzi taghha ghall-perijodu in kwestjoni. U ma setax ikun mod iehor fil-fehma ta' din il-Qorti gjaladarba l-appellanti kkampa l-verzjoni tieghu esklussivament fuq dak relatat lilu minn terza persuna ghax hu kien imsiefer. Difficilment, imbaghad, din il-Qorti tista' tirrikoncilja din id-difiza tal-appellant fuq dawn l-allegazzjonijiet tieghu meta hu stess, fl-okkazjoni meta l-attrici nformatu li ser titlaq, talabha biex tibqa'. Fiera u mhux fiera din kienet zgur okkazjoni favorevoli ghall-appellant biex fuq il-bazi tar-ragunijiet minnu dedotti jehles mill-attrici. Dan l-aggravju allura ma jistax ma jitqiesx ghal kollox fieragh u nsostenibbli.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenzi appellati konfermati bl-ispejjez anke ta' din l-istanza a karigu tal-konvenut appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------